**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Raymond Cassar**

Numru: 70/2010

Illum 13 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Raymond Cassar**, ta' erbghin (40) sena, iben Saviour u Josephine imwielda Agius, imwieled Gharb, nhar l-1 ta' Marzu, 1970, residenti fil-fond numru Visitation, Triq il-Madonna tal-Virtut, Gharb, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 6970(G), akkuzat talli nhar il-05 ta'Awwissu, 2010, gewwa Triq Birbuba, Gharb, Ghawdex u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioé talli:

1. b'eghmil zieni kkorrompa lil OMISSIS minuri ta' 16-il sena;

2. bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri OMISSIS kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3. ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minuri OMISSIS;

4. gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lill-persuna ta' OMISSIS b'mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghall-persuna tal-istess OMISSIS;

5. offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kwerela ezebita u mmarkata bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 94) u kif ukoll id-depozizzjoni moghtija mill-allegata vittma OMISSIS permezz tal-*video conferencing*, li jinsab *a fol.* 87 tal-process.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 92) datata 7 ta' Settembru 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 203, 203A u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 18, 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 18, 202 u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 18, 251(A), 251(B) u 251(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 18 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Artikoli 17, 23, 31, 197(4), 208B, 533 u 544 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-26 ta' Mejju 2011 (*a fol.* 128), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-7 ta' Settembru 2010 u

f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' April 2014 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 262).

Rat id-digriet moghti minn il-Qorti kif preseduta fil-5 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 265).

Rat illi, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 271), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 272), Dr. Jean Paul Grech ghall-*parte civile* ezenta lill-Qorti kif preseduta fuq l-istess linji li l-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti fil-paragrafu precedenti.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 272), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* pprezentata fid-19 ta' Awwisu 2015 (*a fol.* 279 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 293 u 294), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed taderixxi ma' dak li gie sottomess mill-*parte civile* fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 295 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, is-sottomissjonijiet finali ulterjuri tal-*parte civile* u tad-difiza (*a fol.* 313 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Awwissu 2010, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 29 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' rapport li kien ghamel certu OMISSIS fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat fejn OMISSIS kien irraporta li bintu OMISSIS kienet qaltlu li kienet giet molestata mill-imputat. Ezebixxa dikjarazzjoni maghmula minn OMISSIS, liema dikjarazzjoni giet immarkata bhala Dok. "E" (*a fol.* 36).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta l-imputat irrilaxxa z-zewg stqarrijiet tieghu huwa fl-ebda hin ma kien gie rilaxxat u jghid li kien baqa' arrestat. Jikkonferma li l-imputat dejjem cahad l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Awwissu 2010, xehed ukoll **OMISSIS** (*a fol.* 37 *et seq.*) rigward dak li bintu OMISSIS kienet qaltlu b'dak li kien ghamel u qalilha l-imputat. Jghid li kien mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Jispjega li meta bintu bdiet tghidlu b'dak li kien ghamel u qal l-imputat, bintu kellha xokk u kellha d-dmugh f'ghajnejha.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Awwissu 2010, xehdet ukoll **OMISSIS** (*a fol.* 40 *et seq.*) fejn qalet li flimkien ma' zewgha OMISSIS kienet marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija rigward dak li kienet qalet binthom OMISSIS. Tghid li bintha ghamlet id-dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok. "E" (*a fol.* 36), liema dikjarazzjoni saret fl-ufficcju tal-iSpettur Mifsud u fuq liema dikjarazzjoni gharfet il-firma taghha (ta' OMISSIS).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Awwissu 2010, xehdet ukoll **OMISSIS** (*a fol.* 45 *et seq.*) – permezz tal-*video conferencing* – fejn bdiet billi qalet li ghandha 16-il sena. Tghid li dakinhar tal-akkadut, hekk kif kienet ghadha kemm lestiet l-appuntament taghha ghand il-*hairdresser* fl-Gharb ghal xi l-10.00-10.30am, rat trakk abjad tal-imputat u siehbu li kien hemm go fih u li l-imputat staqieha kif inhi u staqsieha x'kien

jisimha, kemm kellha zmien u fejn tahdem. Tghid: *"jien ghidtlu, irrispondejtu u beda jharisli u jidhakli u xi drabi jmiss l-parti tieghu 'l fuq u 'l isfel 'il barra mill-qalziet, hekk"* (*a fol.* 46). Tghid li hi kienet ser tibqa' sejra u hu staqsieha jekk rieditux iwassalha u hi wegbitu finnegattiv. Tghid li l-imputat speci ghajjiebha u wara li kienet kwazi waslet id-dar, peress li kellha madwar sitt (6) minuti mixi, l-imputat ghadda minn fejnha bil-vettura, ipparkja, nizel, beda jhares lejha, beda jidkilha u beda jerga' jghaddielha l-kummenti. Tghid li beda jghidilha kemm kienet sabiha u x'gisem kellha. Tghid li l-imputat dahal fejn hemm qisu *garage* ftit 'il gewwa u qalilha li kieku kien nemusa kien imur fuqha. Tghid li qalilha biex tmur hdejh u hi staqsietu ghala qalilha biex tmur u qaltlu li jekk ried setgha jmur hu hdejha. Tghid: *"beda jmiss il-parti tieghu hafna drabi, imbaghad dan hareg idejh hekk, qabadni minn idejja t-tnejn, jien erhejt idi wahda u qabadli idi l-ohra u bis-sahha poggieli, ma missejtulux il-parti tieghu, imma jien mbaghad issikkajt 'il fuq ghax jien ma ridtx illi nkompli mieghu u mbuttajtu"* (*a fol.* 46). Tghid li meta l-imputat qabadha minn idejha, qabadha minn fuq il-polz u gibidha l-gewwa ghal gol-*garage*. Tghid li l-*garage* qieghed mat-triq u *"kien ghadu jinbena gebel u saqaf u hekk qieghed, jien erhejtha wahda hux ghax wahda terhieha u l-ohra baqa' jissukkaha l-ohra biex imisslu l-parti tieghu. Jien issokkajtha, ma missejthielux ta', imma hu 'l hemmhekk poggieha"* (*a fol.* 49). Tixhed li telqet lejn id-dar, li kienet mifxula u mbezza'. Tghid li meta marret id-dar lil ommha ma qaltilha xejn u lil missierha, li kien ix-xoghol, qaltlu li meta jkun lest mix-xoghol riedet tkellmu. Tghid li eventwalment il-genituri taghha marru l-Ghassa tal-Pulizija jaghmlu rapport u li meta marret l-Ghassa spjegat dak li kien gralha billi ttajpjat id-dikjarazzjoni li tinsab immarkata bhala Dok. "E" (*a fol.* 36). Tghid li kemm hija kif ukoll ommha ffirmaw fuq din id-dikjarazzjoni. Tghid li lill-imputat ilha tafu minn wiccu pero tghid li kull ma kellmitu kien darba. Tghid li l-imputat kien ikellem lill-missierha u jsellem lil ommha.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li meta l-imputat staqsietha fejn tahdem, hi qaltlu li kellha zewg xoghlijiet. Tghid li lill-imputat wegbitu ghal dak staqsieha. Tghid: *"komplejt mieghu hux bhan-nies"* (*a fol.* 52). Tghid li lill-imputat kienet qaltlu li kienet qed tghejja x-xoghol. Tixhed li dan il-kliem inghad meta dakinhar tal-akkadut rat lill-imputat l-ewwel darba. Tghid li ghall-ewwel l-imputat dam

ikellimha madwar hames minuti u hi kompliet mieghu. Tghid li l-imputat qalilha b'tan-nemusa meta ratu t-tieni darba. Ghad-domanda jekk meta l-imputat wasal vicin taghha kienx diga wasal jew le fid-dar tieghu li ghandu gebel u saqaf, wiegbet fin-negattiv. Tghid li l-imputat ghadda minn magenba bil-vettura hekk kif hi kienet kwazi waslet quddiem din il-binja. Tghid li kienu ghaddew madwar hames jew sitt minuti mill-mument li kienet telqet minn fejn hu. Mistoqsija tghid x'kienet ir-raguni ghala ma baqghitx sejra u telqet tigri wara li kienet qed tissuspetta hazin fl-imputat, wiegbet: *"Jien dhalt got-triq tieghi u fixilni x'hin beda jaghmel dawn l-affarijiet, fixilni hafna, ma kontx naf x'se naqbad naghmel, imbaghad beda joqghod jghidli "isma' u ejja" u fixilni, hekk, bezzaghni"* (*a fol.* 62). Ghad-domanda jekk kienx hemm xi hadd qed izommha milli titlaq, wiegbet: *"Jien naf, imma dak il-hin gabni f'xokk lili"* (*a fol.* 62). Tghid li meta l-imputat dahal fid-dahla tal-*garage* hi kienet distanti minnu madwar metru. Tghid li dakinhar tal-akkadut l-imputat ghamel il-mossi fuq il-parti tieghu fiz-zewg drabi: l-ewwel darba ftit u t-tieni darba hafna. Tghid ukoll: *"Hu qabadli idi hekk, qabadhieli hekk idi bis-sahha, kien ha jpoggiehili fuq il-parti tieghu hekk max-shorts, imma ma rnexxielux hux ghax imbaghad jien issikkajt 'il fuq"* (*a fol.* 66). Tghid li meta l-imputat qabdielha idejha, ippuntaha lejn dik id-direzzjoni u rnexxielu jnizzilha sa fejn ix-*shorts*. Tikkonferma li meta l-imputat qabadha minn idejha, gibidha gol-*garage*. Tghid li hi telqet tigri. Tghid li kemm hi kif ukoll l-imputat joqghodu l-Gharb. Tispjega li l-ewwel hemm il-pjazza, imbaghad id-dar tal-imputat, imbaghad din il-binja u mbaghad id-dar fejn toqghod hi. Tghid li d-darba l-ohra li kienet kellmet lill-imputat kien fil-festa meta hi kienet ma' huha u l-imputat kien mal-familja tieghu. Tghid li bejn t-tieni incident fil-5 ta' Awwissu 2010 u meta marret l-Ghassa tal-Pulizija, hi marret ghax-xoghol. Tghid li wara li marret l-Ghassa tal-Pulizija, regghet marret lura ghax-xoghol.

In ri-ezami tghid li l-imputat ghadda bid-dritt minn maghha u kiser ghal quddiemha, ipparkja, hareg, sellmilha, qasam minn quddiemha u mar ghan-naha l-ohra tat-triq u mar ghal fejn il-binja li kellu. Tghid li l-imputat qasam minn quddiemha darbtejn: l-ewwel bil-vettura, imbaghad rega' qasam minn quddiemha bil-mixi.

In kontro-ezami tghid la fl-ewwel incident u anqas fit-tieni incident ma kien hemm nies.

In ri-ezami tghid li ma gharfitx lil dak il-persuna li kien qed isuq it-trukk mal-imputat.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2011, xehed **PS 676 Edelon Spiteri** (*a fol.* 109 *et seq.*) fejn spjega li fil-5 ta' Awwissu 2010 OMISSIS, martu OMISSIS u binthom OMISSIS kienu marru l-Ghassa tal-Pulizija. Huwa xehed li hejja l-okkorrenza li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "ES" (*a fol.* 111 *et seq.*). Fir-rapport, bhala l-verzjoni moghtija minn OMISSIS, hemm indikat is-segwenti: *"Dal-ghodu mort naqta' x-xaghar ghand Margie u ghal habta tal-ghaxra u nofs waqt li kont niezla mit-triq ta' wara l-knisja, waqaf trakk abjad bi tnejn minn nies u meta wasalt biswit t-trakk nizel Raymond waqt li l-iehor telaq. Raymond qasam it-triq u gie fejni u beda jkellimni u beda jghaddili xi rimarki dwar kemm jien sabiha u x'kien ha jaghmilli kieku kien nemusa, u dan waqt li beda jmiss l-parti tieghu minn barra x-shorts. Offra wkoll li jwassallni d-dar imma jien irrifjutajt u tlaqt. Kif wasalt fi Triq Birbuba, kwazi hdejn id-dar taghna, Raymond reggha lahaqni bil-karozza l-griza tieghu u ghajjatli u beda jparla waqt li reggha kompla jmiss l-parti tieghu minn barra x-shorts u stedinni nidhol fil-propjreta' li qed jibni. Jien irrifjutajt u ghidtlu biex jekk irid jigi hu u kien hawn li hatafli idi u prova jgeghlni nmisslu l-parti tieghu. Jien gbidt idi u tlaqt nigri lejn d-dar u hu beda jghajjatli"* (*a fol.* 113).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2011, xehed ukoll **Daniel Brooke** (*a fol.* 116 *et seq.*) fejn beda billi qal li l-imputat huwa habib tieghu tal-festa. Mistoqsi jghid jekk jafx lil OMISSIS, jghid li jafha minn wiccha. Mistoqsi jghid jekk f'Awwissu 2010 rax lil OMISSIS x'imkien, wiegeb fin-negattiv. Ma jafx meta l-ahhar li raha. Mistoqsi jghid jekk rax lil OMISSIS meta kien mal-imputat, wiegeb: *"M'ghandiex idea li rajtha, ifhimni"* (*a fol.* 117). Jiftakar li dakinhar kien wassal lill-imputat quddiem il-bieb tad-dar tieghu fl-Gharba u hu (Brooke) mar ghax-xoghol. Jghid li l-imputat kien libes *t-shirt* u *shorts* u li meta l-imputat nizel mit-trakk abjad tieghu (ta' Brooke), ma rah ikellem lil hadd. Jghid li ma jafx jekk kienx hemm nies meta l-imputat nizel mit-trakk. Jixhed li ma tax kaz jekk OMISSIS kienitx hemm.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2012, il-*parte civile* ezebiet Nota b'ritratti, liema Nota giet mmarkata bhala Dok. "JC" (*a fol.* 137 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013, xehed l-imputat **Raymond Cassar** (*a fol.* 194 *et seq.*) fejn spjega li huwa ilu jahdem bhala *fitter* mal-Gozo Channel ghal erbgha u ghoxrin (24) sena. Jghid li dakinhar tal-5 ta' Awwissu 2010 kien mar Malta ma' siehbu Daniel Brooke u marru lura Ghawdex mal-vapur tad-9.00am mic-Cirkewwa. Jghid li huwa joqghod fi Triq Virtù fl-Gharb u li ghandu bini gdid qed jinbena li jinsab fi Triq Birbuba. Jghid li bejn post u iehor hemm distanza ta' madwar hames (5) minuti bil-mixi. Jghid li x'hin waslu l-Gharb, nizel mit-trakk, Brooke telaq u hu mar biex jidhol gol-*garage* tad-dar fejn joqghod hu. Jghid li x'hin fetah il-bieb waslet OMISSOS, li jafha minn wiccha u qatt ma kelliemha. Jghid li OMISSIS tbissmitlu u qaltlu *"Hej"*. Jafha peress li toqghod fi Triq Birbuba, fl-Gharb. Jghid li qalilha li kien ghadu gej minn Malta u li dakinhar bil-lejl kien xoghol. Jghid din il-konverzazzjoni sehhet fil-hin li OMISSIS kienet fit-triq u hu kien fil-bieb tal-*garage*. Jghid li sellmu lil xulxin, hu dahal u hi baqghet sejra. Jixed li qabel mar ibiddel biex imur ghax-xoghol, hareg il-vettura u mar fil-bini li qed jinbena biex jiccekkja l-ghodda. Jghid li pparkja ftit 'l isfel mill-post u jghid ukoll: *"wasalt hemmhekk, dhalt gol-garage gewwa kont gewwa, sadattant waqfet it-tfajla qaltli li hi xoghol ukoll il-lejla, qaltli li taghmel zewg xoghlijiet"* (*a fol.* 196). Ghad-domanda jekk waqt li kien ghaddej bil-vettura kienx ra lil OMISSIS, jghid li ma tax kaz. Jghid li OMISSIS qaltlu li riedet twaqqaf wiehed mix-xoghlijiet peress li riedet tgawdi s-sajf. Jghid: *"staqsejtha fejn tahdem, qaltli l-Calypso u ta' Frenc, jekk mhux sejjer zball u qabdet titbissem, u jien tbissimt, hekk, u daret hekk pronta u qaltli x'ghandek tidhaq, m'iniex sabiha"* (*a fol.* 197). Jghid li b'cajta qalilha: *"li kont nemusa kont noqorsok qarsa"* (*a fol.* 197). Jghid li OMISSIS nfexxet tidhaq. Jghid li staqsieha x'jisimha u kemm ghandha zmien u hi wegbitu li jisimha *"OMISSIS"* u li ghandha sittax-il sena. Jghid li qalilha li kien ser jidhol u qaltlu *"ciao"* u hu dahal. Jghid li hi qaltlu *"sorry"* u hu qalilha ha jkompli u hi telqet u hu baqa' fil-*garage* gewwa. Jghid li dan kollu gara dakinhar tal-5 ta' Awwissu u jichad l-allegazzjonijiet li semmiet OMISSIS meta tat id-depozizzjoni taghha. Ikkonferma z-zewg stqarrijiet rilaxxati minnu lill-Pulizija. Jghid li huwa baqa' sieket

meta l-iSpettur qallu li kien hemm nies prezenti li raw dan l-incident peress li dan ma kienx veru. Jghid li ma kien minnu xejn li kien ghaddej xi hadd. Jghid li mentri meta kienu fejn id-dar tieghu, OMISSIS kienet il-boghod minnu madwar metru, fit-tieni episodju kien hemm madwar zewg metri u nofs. Jghid li hu ilu mizzewweg sittax il-sena u ghandu zewg itfal: wahda minnhom tiddependi hafna minnu peress li hija *retarded*. Jghid ukoll li f'Dicembru 2006 zviluppalu kancer li gie mnehhi pero rega' tfacca wara sena. Jghid li hu qatt ma kellu xi jghid ma' OMISSIS u anqas mal-familja taghha pero jghid li wara li hareg bil-liberta' provizorja sar jaf li huh kellu *clash* ma' missier OMISSIS.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li hemm ghoxrin (20) sena differenza bejnu u huh. Mistoqsi jghid ghala lil OMISSIS qalilha li kien joqrosha kieku kien nemusa, wiegeb: *"Semplicement kumment […]; l-ebda skop"* (*a fol.* 204). Jghid li sa dak il-hin li qal hekk ma kienx jaf kemm kellha eta' it-tfajla. Ghad-domanda jekk OMISSIS kienitx tidher li hija kbira jew le fl-apparenza, wiegeb li ma jafx. Jghid li staqsieha kemm ghandha zmien. Jghid li t-tieni darba li ra lil OMISSIS dakinhar tal-5 ta' Awwissu, OMISSIS baqghet fit-triq barra u hu kien gol-*garage* li jghid li huwa minghajr bieb. Jghid li fl-ebda hin ma resaq lejha. Jghid li huwa m'huwiex midhla tal-*Youth Centre* tar-rahal. Jghid li ma kienx jaf kemm kellha età OMISSIS peress li altrimenti ma kienx ser jistaqsieha kemm ghandha zmien. Jghid li, skond hu, ma ghamel xejn hazin meta staqsieha kemm ghandha zmien. Jikkonferma li kien hemm okkazzjonijiet precedenti meta OMISSIS kienet tghaddi minn quddiem id-dar tieghu u kienet taghmillu s-sinjali b'rasha jew titbissem. Jghid li kienet issellimlu. Jghid li ma kellu ebda intenzjoni meta lil OMISSIS qalilha li kieku kien nemusa kien joqrosha. Jichad li kien hemm xi tfajla zghira li ghaddielha dawn it-tip ta' kummenti. Jghid li dakinhar tal-akkadut lil OMISSIS ma rahiex nizla ghal ghonq it-triq u li bejn l-ewwel allegat incident u t-tieni parti kienu ghaddew madwar hames (5) minuti. Jghid li meta OMISSIS waslet hdejh it-tieni darba hu kien gol-*garage*: hu kien gewwa u hi waqfet. Jichad li kellu xi kuntatt ma' OMISSIS. Jghid li l-post li kien qed jinbena anqas bieb ma kellu.

In ri-ezami jghid li dakinhar tal-akkadut kienet OMISSIS li kellmitu l-ewwel darba fiz-zewg istanzi. Jghid li OMISSIS kellha l-libertà li tibqa' sejra u li hu ma ghamlilha ebda ostaklu biex tieqaf.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2013, xehdet **Sister Margherita Cassar** (*a fol.* 226 *et seq.*) fejn qalet li l-imputat huwa huha u li huwa izghar minnha ghoxrin (20) sena. Tispjega li hija *close* ma' huha u li huwa ghandu twemin ta' erbatax (14) il-sena, fejn wahda minnhom ma zviluppatx sew tant li ma titkellimx, liema haga tghid li affettawtat hafna lil huha. Tixhed li t-tifla tiddipendi hafna minn l-imputat missierha tant li meta l-imputat kien jinsab arrestat qabel ma nghata l-liberta' provizjorja t-tifla giet affettwata immensament tant li kienet dejjem tibki. Tghid ukoll li huha l-imputat hariglu l-kancer, gie ghall-ahjar pero wara sena rega' hareg.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2014, xehdet l-**Ufficjal tal-*Probation* Joanna Farrugia** (*a fol.* 237 *et seq.*) fejn ezebiet is-*Social Inquiry Report* li gie mhejji minnha, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "JF" (*a fol.* 239 *et seq.*). Dan ir-rapport gie mhejji wara li fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 224) il-Qorti kif diversament preseduta laqghet talba tad-difiza sabiex jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat. Farrugia tixhed li mir-rapport johrog li l-imputat huwa ragel tal-familja u li jezisti rapport sew bejn il-membri tal-familja. Tghid li l-imputat ghadda minn zewg sitwazzjonijiet difficli: l-ewwel wahda mat-twelid ta' wahda mit-tewmin u ohra meta sofra mill-marda tal-kancer. Tghid ukoll li l-proceduri kriminali odjerni kellhom effett kbir fuq il-familja tieghu specjalment it-tfal tieghu, b'mod partikolari bintu li ghandha bzonnijiet specjali u li hija dipendenti hafna fuq missierha u kienet affettwata sew meta missierha kien qed jinzamm arrestat. Tghid ukoll li meta kienet qed tkellem lill-imputat, l-imputat kien emozzjonat hafna fejn qalilha li bl-istress li ghandu minhabba l-proceduri hargitlu irritazzjoni fil-gilda. Tghid li fuq suggeriment taghha, l-imputat mar ikellem psikologu. Tghid li l-imputat ilu fl-impieg mal-Gozo Channel ghal erbgha u ghoxrin (24) sena u li l-ittra ta' riferenza ta' Warren Grech (*Human Resources Manager*) kellha kliem ta' tifhir ghall-imputat (*a fol.* 250). Tghid li ma jirrizultawx problemi ta' droga tant li t-test tal-urina kien fin-negattiv. Tixhed ukoll li bhala parti mir-rapport ghamlet kuntatt

mal-allegata vittma fejn jirrizulta li l-vittma baqghet tidher affettwata fuq l-allegat reat li sar, b'mod specjali kif iggib ruhha mal-irgiel. Tghid li l-vittma qaltilha li m'ghadhiex thossha kunfidenti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ghazel li ma jiffirmax l-ewwel stqarrija (Dok. "C" – *a fol.* 23 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Josric Mifsud, liema stqarrija giet rilaxxata fil-5 ta' Awwissu 2010 fid-9.15pm wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ha dan id-dritt. Minkejja li l-imputat ma ffirmax din l-istqarrija, l-istqarrija giet konfermata mill-imputat meta hu ha l-pedana tax-xhieda ghajr ghal xi kjarifika zghira. F'din l-istqarrija l-imputat ta dettalji fuq l-istess linji li huwa ta meta xehed quddiem il-Qorti. Huwa jghid li hu u l-allegata vittma qatt ma kienu qrib ta' xulxin. Jichad li offra *lift* lill-vittma. Jghid li kuljum imur jiccekkja l-ghodda fil-bini li qed jinbena. Jichad li, meta beda jkellem lil OMISSIS, hu beda jmiss il-parti ntima tieghu. Jichad ukoll li beda jghid lil OMISSIS biex tmisslu l-parti intima tieghu u li kien gibidha minn idejha. Jichad li abbuza minnha. Jikkonferma li kellimha u qalilha li joqrosha kieku kien nemusa u dana wara li qaltlu li hi kienet sabiha. Jghid li fl-ebda hin ma messha.

Illi anke t-tieni stqarrija (Dok. "D" – *a fol.* 26 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Josric Mifsud ma gietx iffirmata mill-imputat. Minkejja dan, din l-istqarrija, li giet rilaxxata fis-6 ta' Awwissu 2010 fis-2.05pm wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa dan d-dritt, giet konfermata meta l-imputat ha l-pedana tax-xhieda ghajr ghal xi kjarifika zghira. F'din l-istqarrija l-imputat ta dettalji fuq l-istess linji li huwa ta meta xehed quddiem il-Qorti. Jichad li f'xi hin qal lil OMISSIS biex tidhol fil-bieb tal-*garage* fejn kien hu. Jichad li f'xi hin qal lil OMISSIS biex torokolu l-parti tieghu. Jghid li ma ghamel ebda gesti fil-konfront ta' OMISSIS. Jichad li gibed lil OMISSIS ghal gewwa l-*garage* kontra l-volontà taghha. Jichad li qabdilha idejha u ghamilha fuq il-parti intima tieghu. Jichad li qalilha li ghandha gisimha sabih.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dikjarazzjoni li ghamlet l-allegata vittma OMISSIS, liema dikjarazzjoni giet immarkata bhala Dok. "E" (*a fol.* 36), OMISSIS tat l-istess dettalji li tat meta tat id-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti. Tghid ukoll li l-imputat mess il-parti tieghu minn fuq is-*shorts* u li hu ma wrihiex il-parti tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi

<u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*.

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi, fil-kaz odjern, din il-Qorti, bhal ma jigri f'hafna mill-kazijiet fejn ikun hemm allegazzjonijiet simili ghal dak tal-kawza odjena, tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kunfliggenti fejn il-minuri min-naha l-wahda qed tindika dak li ghamlilha u qalilha l-imputat

u fejn l-imputat, min-naha l-ohra, qed jichad. Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-atti kollha processwali u tad-depozizzjonijiet moghtija mix-xiehda mressqa u rat ukoll il-filmat tal-*video conferencing* meta xehdet OMISSIS. Minn dan kollu l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' ta' dak li xehdet il-minuri OMISSIS u dwar il-veracita' ta' dak li qalet dwar l-agir tal-imputat. Din il-konkluzjoni morali hija dovuta wkoll ghall-fatt li ma giet indikata ebda raguni konkreta ghala l-minuri jew il-familja taghha kellhom jivvintaw din l-istorja dwar l-imputat. Il-Qorti setghet *in oltre* tikkonstata li l-minuri kienet dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti kemm meta rrakuntat dak li gara lill-genituri taghha, meta sar ir-rapport l-Ghassa tal-Pulizija, meta rrilaxxat id-dikjarazzjoni taghha u kif ukoll meta xehdet quddiem il-Qorti, kemm in ezami u kif ukoll in kontro-ezami. Il-verzjoni taghha dejjem baqghet l-istess: hija kienet metikoluza fl-ghazla tal-kliem taghha, preciza u dejjem konsistenti. Fid-depozizzjoni moghtija mill-imputat il-Qorti setghet tinnota li l-imputat kien pjuttost evaziv fir-risposti li huwa ta. Il-Qorti tinnota li meta l-imputat gie mistoqsi jekk huwa kienx qieghed jissuspetta li l-minuri kienet taht l-eta' u jekk hassx li ma kellux jaghmlilha dawk it-tip ta' kummenti, l-imputat naqas li jaghti risposta specifika u qal: *"Just staqsejtha kemm ghandha zmien"* (*a fol.* 210). Stabbilit dan il-punt, il-Qorti trid issa tghaddi sabiex tara jekk tirrizultax ir-rejita' taht l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-7 ta' Settembru 2010.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Il-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Thomas Wiffen** dwar l-element materjali ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u cioé:

> *"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of*

*their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts".*

*"Atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p. 967).*

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni *per se* l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the*

*professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li ghandha dubji taghha dwar jekk dak li gie rakkontat mill-minuri jikkostitwixxiex *atti di libidini*. Apparti minn dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel il-prova li l-istess minuri giet effettivament korrotta. Jirrizulta li dakinhar tal-akkadut il-minuri kellha sittax il-sena, u dana jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha (Dok. "JM 1" – *a fol.* 124), u kienet diga tahdem bhala *waitress* f'zewg stabbilimenti. Jirrizulta wkoll li wara dak li gara

dakinhar tal-akkadut, il-minuri telqet lejn id-dar mifxula u mbezza' pero jinghad ukoll li wara kienet ukoll marret ghax-xoghol. Minkejja dan u minkejja li l-Ufficjal tal-*Probation* Joanna Farrugia (*a fol.* 237 *et seq.*) xehdet li rrizultalha li l-minuri baqghet affettwata fuq dak li sar, b'mod specjali kif iggib ruhha mal-irgiel u tghid li l-minuri m'ghadhiex thossha kunfidenti, dan kollu ma giex pruvat. Ma tirrizultax il-korruzzjoni effettiva ta' OMISSIS u *stante* li l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm l-agir tal-imputat kien wiehed deplorevoli, madanakollu dan ma jammontax ghall-eghmil zieni kif trid il-ligi u *stante* li f'dan il-kaz l-estremi legali rikjesti sabiex jissussiti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultawx, l-imputat mhux ser jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi permezz tat-tieni (2) imputazzjoni l-imputat gie addebitat bir-reat ta' arrest illegali, sekwestru jew detenzjoni. L-Artikoli 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwardaw ir-reat ta' arrest, sekwestru jew detenzjoni illegali u c-cirkostanzi aggravanti tal-istess reat. Fil-kaz odjern il-Qorti ser thares lejn ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tara jekk fil-fatt jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' arrest jew detenzjoni illegali bl-aggravju kontemplat fl-Artikolu 87(1)(g). Il-Qorti tinnota li l-minuri tghid li l-imputat qabdilha idha u beda jnizzililha lejn il-parti tieghu. Tghid ukoll li l-imputat gibidha gol-*garage* u li hi telqet tigri. Il-Qorti tinnota li minkejja li l-minuri tghid li l-imputat qabdilha idejha, ma jirrizultax li ntuzat forza tant li l-minuri nehhiet idejha u marret fi triqitha lejn id-dar. Ma jirrizultax li l-minuri ttiehdet minn xi post ghall-iehor.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li jezistu l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex tinstab htija taht Artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-Qorti hija tal-fehma li t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni u *stante* li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni.

Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-minuri OMISSIS.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Micallef** deciza fit-13 ta' Novembru 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1955, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kelinu Mifsud** (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mill-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur (p. 933). […]
>
> [K]if gie osservat fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Kelinu Mifsud** (*supra*),
>
> "Ghandu jigi […] osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appuntu minhabba mhux biss il-kliem *"atti ta' libidini"*, imma anke *stante* l-kelma *"jikkorrompi*", hemm indikata l-opera perikoluza tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-progett tal-Kodici Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), ghadha tigi differenzjata minn *"un fuggevole atto lesivo del pudore"."* (p. 934).
>
> Fi kliem iehor, l-istess att jista' jammonta biss ghal att leziv tal-pudur ta' dak li jkun jew, jekk ikunu jikkonkorru certi cirkostanzi li jaghmluh hekk, dak l-att ikun att ta' libidini. Il-ligi taghna tikkontempla li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur jista' jigi kommess anke fuq minorenni, kif

jista' jigi kjarament desunt kemm mill-fatt li l-*proviso* tal-Artikolu 207 taghmel referenza ghall-paragrafu (g) tal-Artikolu 202 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll mill-Artikolu 201(a) tal-istess Kodici. Ghalhekk wiehed ma jistax jargumenta li kull att leziv tal-pudur ta' minorenni jammonta awtomatikament jew necessarjament ghal att ta' libidini.

[…]

L-appellant ma jistax jippretendi li dak li ghamel ma jammontax ghal attentat vjolent ghall-pudur. Il-ligi taghna tipprovdi li kull attentat ghall-pudur jitqies bhala vjolenti meta jsir fuq persuna taht l-eta' ta' tnax-il sena (Art. 201(a), Kap. 9). Anke li kieku ma kienitx tapplika din id-disposizzjoni b'din il-presunzjoni ta' ligi, mill-provi jirrizulta car li dak li sar mill-appellant sar kontra l-volonta' tat-tfal in kwistjoni u, f'dan is-sens, vjolentement. L-iskop li ghalih ikun sar l-att hu rrelevanti. Kif inghad mill-Qorti Kriminali taghna komposta minn tlett Imhallfin fit-2 ta' Dicembru, 1901 fil-kawza **Sua Maestà il Re v. Carmelo Delia** (Vol. XVII.iv.7):

*"Atteso che secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per quasiasi motivo diretto, senza che nulla influisca sulla nozione del reato la diversità della causa che abbia spinto ad agire, sempre che l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui"* (p. 8).

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-kompjant Imhallef Fortunato Mizzi tas-7 ta' Gunju, 1977 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Orazio Godwin sive Horace Laudi**".

Illi, kif gie indikat aktar il-fuq mix-xiehda ta' OMISSIS, jirrizulta li l-imputat beda jhares u jidhak lil OMISSIS u kien hemm drabi fejn beda jmiss il-parti tieghu 'l fuq u 'l isfel il-barra mill-qalziet.

Irrizulta wkoll li l-imputat ghadda diversi kummenti lil OMISSIS, fejn qalilha li kienet sabiha, li kellha gisem u li kieku kien nemusa kien imur fuqha. Irrizulta wkoll li l-imputat qabad lil OMISSIS minn idha, minkejja li jichad, u li kien ser ipoggiehilha fuq il-parti tieghu pero hi mbuttatu. Minkejja li, b'differenza tal-kaz hawn fuq citat, il-minuri fil-kawza odjerna ghandha sittax il-sena, jirrizulta li dak li sar mill-imputat sar kontra l-volonta' ta' OMISSIS u, f'dan is-sens, vjolentement.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, dak li ghamel l-imputat u dak li huwa qal fil-konfront ta' OMISSIS jista' jitqies bhala attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-minuri OMISSIS u b'hekk it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentment pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 251A u 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi l-Qorti tinnota li fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghall-Artikoli 251(A) u 251(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tifhem li l-Avukat Generali ried jaghmel riferenza ghall-Artikoli 251A u 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tinnota li hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Illi l-Qorti tifhem li l-imputat kien jaf biex inhu akkuzat bih, u dana tenut kont tad-dicitura tar-raba' (4) imputazzjoni fic-*charge sheet* u b'hekk tqies in-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika l-Artikoli ezatt tal-Ligi bhala semplici *lapsus calami*.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**, nghad hekk:

> "Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:
>
> "Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- *"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*, dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat *"in isolation"* b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez** [21.6.07]:- *"...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien"*.
>
> [...]
>
> Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-Artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet

kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-Artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' (*'alarming'*) jew idejjaq (*'causing...distress'*) lill-persuna.

[...]

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. (*'alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew *'harassment'*. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".

Din il-Qorti zzid dan li gej. L-Artikolu (251A tal-Kap. 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-**Protection of Harassment Act 1997** li jibda bil-kelmiet: *'A person must not pursue a course of conduct'* li fil-ligi taghna hekk: *'Persuna li ggib ruhha'*.

Skont l-**Archbold**: *'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'*. (**Lau v. DPP** (2000) 1 F.L.R. 799 DC).

*In **Pratt vs. DPP**, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons*

*should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*Under Section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is Section 1(30(c is even more clearly objective:* ***R v. Colohan***".

Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed. Minn dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluz il-minuri OMISSIS, ma jirrizultax il-*course of conduct* rikjest sabiex jissussti r-reat in ezami u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, bhat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni u *stante* li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni. Il-Qorti tinnota li dak kommess mill-imputat ma huwiex tali li jwassal ghall-estremi tar-reat ikkontemplat fil-hames (5) imputazzjoni u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imsemmija imputazzjoni u ser jigi liberat minnha.

**<u>Artikoli tal-Ligi ndikati BISS fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali (*a fol.* 92)</u>**:

- Artikolu 202 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ic-cirkostanzi aggravanti elenkati f'dan l-Artikolu ma jirrizultawx, ghaldaqstant il-Qorti mhijiex ser tapplika l-Artikolu msemmi.

- Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dina d-disposizzjoni tal-ligi titkellem dwar l-istigazzjoni ghall-korruzzjoni ta' minuri. L-Artikolu msemmi jghid hekk:

  *"Kull min, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), jeċċita, jgħin jew jiffaċilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taħt l-età tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn …".*

  Hawnhekk il-ligi ma titkellimx iktar fuq l-eghmil zieni, izda fuq l-eccitament, l-ghajnuna jew il-facilitizazzjoni tal-korruzzjoni tal-minuri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omar M. Ammar Z. Jolqhom** deciza fil-15 ta' Frar 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali illiberat lill-appellant mir-reat kunsmat taht l-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, izda sabitu hati tat-tentattiv ta' dan ir-reat, u dana peress illi l-appellant ipprova, bil-kliem li uza kif ukoll bit-tokkamenti, jeccita l-korruzzjoni tal-minorenni izda rnexxielu biss ibezzghu u mhux jikkorrompih.

  Illi, fir-rigward tal-kaz odjern, il-Qorti tinnota li ma jirrizultax li dak rikjest mill-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie pruvat u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imsemmi Artikolu.

- Artikolu 251(B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparti il-konsiderazzjonijiet li diga saru fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li kieku, ghall-grazzja tal-argument, kellha tqies ir-riferenza ghall-Artikolu 251(B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet bhala li kellha tkun riferenza ghall-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs.**

**Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: *'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'*. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-Artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B(1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti tikkonkludi li ma giex pruvat il-*course of conduct* li huwa rikjest sabiex jissusisti dan ir-reat u ghaldaqstant il-Qorti mhijiex ser issib htija taht l-Artikolu msemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad fuq, hija biss it-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjoni li giet addebitata lilu u li giet pruvata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni is-segwenti: in-natura ta' din l-imputazzjoni, il-fedina penali (Dok. "B" – *a fol.* 22) tal-imputat, liema fedina penali hija wahda pratikament nadifa (fejn l-imputat gie kkundannat biss ghal twiddiba u canfira fis-sena 1989), dak li huwa ghamel u qal fir-rigward tal-minuri OMISSIS, u, kif ukoll, dak li xehdet oht l-imputat, Sister Margherita Cassar, u dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Joanna Farrugia u s-*Social Inquiry Report* (Dok. "JF" – *a fol.* 239 *et seq.*) redatt minnha. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun wahda ta' prigunerija, it-terminu ta' liema m'ghandux ikun wiehed effettiv pero ghandu jkun sospiz bl-intiza li l-imputat jifhem li dak li ghamel huwa hazin u jaghraf ma jergghax jirripetih.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 7 ta' Settembru 2010 u senjatament Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Raymond Cassar hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' disa' (9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetta hija l-minuri OMISSIS u l-familja taghha.

Finalment, il-Qorti tordna d-divjett tal-pubblikazzjoni, fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, ta' isem il-minuri u tal-familja taghha.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**